# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar it-Tlieta, 12 ta' April 2022**

**Talba Nru: 167/2019 JG**
**Numru fuq il-lista: 4**

**Lawrence D'Amato (K.I. 58691(M))**

**Vs**

**Colin Schiavone (K.I. 528488(M)) u Karin Mifsud**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-1 ta' Lulju 2019, permezz ta' liema, l-attur talab li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti jħallsu l-ammont ta' erba' t'elef, disa' mija u tnax il-Ewro (€4,912) rappreżentanti xogħolijiet magħmula fil-fond u cioe' appartament, Flat 6, Windmill Court, Block A, Triq ix-Xgħajra, Żabbar kif aħjar deskritt fl-istess Avviż. Intalbu wkoll l-ispejjeż[1];

[1] A fol 1 *et seq.*

Ra r-risposta tal-konvenuti, kontenenti wkoll kontro-talba datata it-23 ta' Lulju 2019[2] permezz ta' liema huma laqgħu għal din l-eċċezzjoni billi jgħidu li l-fattura tinkludi l-Valur fuq it-Taxxa Miżjud meta l-istima oriġinali ma kinitx tinkludi tali ammont, li l-attur ma ħaqqu l-ebda ħlas għaliex ix-xogħol imwettaq ma sarx skond is-sengħa u l-arti, u li semmai huma soffrew danni. Permezz ta' kontro-talba appożita mbgħad, l-konvenuti issa rikonvenzjonati talbu li dan it-Tribunal jikkundanna lill-attur, issa rikonvenzjonat, sabiex iħallas l-ammont ta' elfejn, tmien mija u erba' u ħamsin Ewro (€2,854) rappreżentanti danni sofferti. Intalbu wkoll l-imgħax u l-ispejjeż[3];

Illi l-attur rikonvenzjonat ma ppreżenta l-ebda risposta għal din il-kontro-talba;

Ra dak li seħħ fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2020 fejn, wara li l-attur beda bix-xhieda tiegħu, l-istess ġie sospiż mit-Tribunal kif preċedentement presedut u fuq struzzjoni tal-istess Tribunal ġie ordnat iħejji affidavit[4];

Ra d-digriet tat-28 ta' Ottubru, 2020, tramite liema, l-Prim Imħallef ordna li din it-talba tiġi hekk assenjata lil dan it-Tribunal kif issa presedut[5].

Ra l-affidavit tal-attur liema affidavit ġie ikkonfermat bil-ġurament waqt is-seduta tal-10 ta' Diċembru 2020[6];

---

[2] A fol 8 *et seq* tal-proċess.
[3] A fol 9 tal-proċess.
[4] A fol 28 *et seq* tal-proċess.
[5] A fol 31 tal-proċess.
[6] Traskrizzjoni tas-seduta tinsab a fol 34. Nota kontenenti affidavit tinsab a fol 36.

Sema' x-xhieda ulterjuri tal-attur rikonvenzjonat[7] u ra d-dokumenti hemm ippreżentati;

Sema' x-xhieda in kontro-eżami tal-attur rikonvenzjonat u x-xhieda in eżami tal-konvenut rikonvenzjonant Colin Schiavone[8];

Sema' x-xhieda in kontro-eżami ta' Colin Schiavone[9];

Sema' t-trattazzjoni finali da parti tal-avukati difensuri tal-kontendenti[10];

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi qabel ma t-Tribunal iqis l-aspetti legali ta' din il-kwistjoni, tinħass il-ħtieġa li l-istess Tribunal jirrakkolji u jispjega, anke jekk brevement, ix-xhieda miġbura f'dawn il-proċeduri.

Illi in suċċint, ix-xhieda kienet din li ssewgi.

Illi l-attur, kif ingħad kien beda jixhed *viva voce* iżda dan it-Tribunal diversament presedut kien waqqaf dik ix-xhieda u talab minflok li jsir affidavit. F'dan l-affidavit huwa jispjega li huwa jaħdem bħala *self-employed* fuq xogħol ta' gypsum u affarijiet oħra relatati. Jgħid li ġie mqabbad minn Colin Schiavone sabiex jagħmel xi xogħol fl-appartament in kwistjoni wara li huwa kien għamel xi xogħol lill-ħabib ta' Colin. Mar fuq il-post u qablu fuq stima ta' €5,929 (eskluż

[7] Magħmula fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2021
[8] It-tnejn magħmula waqt is-seduta tas-26 ta' Ottubru 2021.
[9] Magħmula waqt is-seduta tas-6 ta' Diċembru 2021.
[10] Din tibda a fol 137 tal-proċess.

il-VAT). Il-materjal kellu jitħallas minn Colin Schiavone. Ix-xogħol beda f'Settembru 2018 u spiċċa f'Diċembru tal-istess sena b'dana li kellu jieqaf waqt xi mumenti biex jagħmel xogħol ta' klijenti oħra. Apparti minn hekk, saru wkoll xi xogħolijiet żejda. Wara li beda x-xogħol beda jitlob li jingħata forma ta' depożitu u jgħid li rċieva €2,500 biss f'Diċembru 2018. Jgħid lix-xogħol intgħoġob immensament mill-konvenuti rikonvenzjonanti, iżda meta talabhom għall-bqija tal-flus dawn ma ħallsux. Wara xi żmien ġie infurmat li kien qiegħed jitlob ammont esaġerat. Hu ma qabilx għax żamm mal-istima oriġinali. Madanakollu, huwa raħħas il-kont b'€1,200, u ċioé l-ammont ta' xogħol żejjed li għamel. Saret konverżazzjoni permezz ta' ċellulari u wara li nbtagħet ittra legali, l-attur jgħid li d-diskors tal-konvenuti inbiddel u bdew jgħidu li kien għamel ħafna ħsara u ħmieġ. Hawn jgħid li meta darba inkisret maduma kien irranġaha huwa stess minn butu. Meta ġie infurmat li perit kien qallu li hemm il-ħsarat huwa qallu li lest jirranġa kollox huwa stess. Jagħlaq billi jgħid li ġie offrut €2,300 iżda huwa m'aċċettax.

Illi fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2021, l-attur ikkonferma bil-ġurament dokumenti ppreżentati minnu li kienet tinkludi, l-istima oriġinali, il-fattura finali u konverżazzjoni mal-konvenut[11].

Illi in kontro-eżami[12] jgħid li l-istima oriġinali ma kinitx tinkludi VAT, iżda hu jiġbor il-VAT fuq is-servizz li jipprovdi. Jgħid li l-istima kienet tinkludi wkoll il-materjal. Skond hu ix-xogħlijiet kienu lesti. Jgħid li ma kienx hemm stima tax-xogħol żejjed li għamel u li naqqas mill-kont finali. Jgħid li kien żbalja. Jgħid li fl-istima ma kienx hemm mitlub forma ta' depożitu. Ma jaqbilx li dan tħallas meta wasal il-materjal. Dwar il-kelma "immensament" utilizzata minnu fl-affidavit,

[11] Dawn id-dokumenti ġew eżebiti b'nota appożita li tinsab a fol 45 tal-proċess.
[12] Magħmul fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2021. Traskrizzjoni tax-xhieda relattiva tibda a fol 86 tal-proċess.

jagħmel referenza għal-messaġġ fuq WhatsApp u jgħid li assuma minn dak il-messaġġ. Jerġa jikkonferma li jekk hemm xi ħsara huwa dispost li jmur u jirranġalha. Jgħid li huwa minnu li l-bulkhead waqgħet u hu mar jirranġalha. Kienet imwaħħla mas-saqaf permezz ta' *jakk*. Dwar il-maduma jikkonferma li reġa' poġġiha hu iżda ingħatatlu mill-konvenut. Dwar il-kitba[13] fuq dokument partikolari jibqa' jikkonferma li ma kienx hu li kitibha.

Illi l-konvenut rikonvenzjonat xehed in eżami *viva voce* beda billi rrefera għad-dokumenti imsemmija fin-notament t'isfel enumerat tlettax ta' din is-sentenza. Jgħid li din inkitbet mill-attur rikonvenzjonat u hemm riferiment għaliha wkoll fil-messaġġi eżebiti. Spejga li kien l-attur li qallu jagħtih l-ammont ta' €2,300 u l-istorja tieqaf hawn, u dan f'laqgħa ġewwa l-appartament in kwistjoni. Dwar id-depożitu jgħid li dan tħallas f'Jannar 2019. Jgħid li x-xogħol għadu mhux lest. Dwar ix-xogħol żejjed, jikkonferma li dan kien mitlub minnu iżda qatt ma ġie mogħti stima qabel ma sar. Meta rċieva l-kont finali huwa talab spjegazzjoni tiegħu. Spjega fid-dettal u ppreżenta diversi rittrati sabiex juri x-xogħol magħmul. Spjega wkoll li l-bulkhead waqgħet għaliex ma kinitx invitaha sew. Finalment jispjega li kienet saret laqgħa mal-avukati li waqfet ħesrem meta l-avukat tiegħu induna li l-attur kien qiegħed jirrekordja l-laqgħa.

Illi in kontro-eżami[14] jikkonferma li r-ritratti ittieħdu minnu iżda x-xogħol għadu mhux lest. Jgħid li ma kienx hu li waqqaf lill-attur milli jiġi ġo daru iżda kien l-attur li naqas wara li ntbgħat il-kont. Ma jiftakarx jekk ma sarx xi tibjid f-Lejliet il-Milied. Dwar il-ħmieġ li tħalla fil-fond jikkonferma li l-attur ma kienx obbligat li jġib xi ħadd professjonali biex inaddaf, iżda ma ppretendiex li ma jneħħi xejn minn warajh. Dwar il-bulkhead jikkonferma li din waqgħet u mhux għax messha

[13] Kopja eżebita bħala Dok CB. Oriġinal eżebit bħala Dok CB1. Dawn jinsabu a fol 102 u 103 rispettivament.
[14] Magħmul fis-seduta tas-6 ta' Diċembru. Xhieda relattiva tibda a fol 128 tal-proċess.

hu. Jikkonferma li hu talab il-kont finali biex ikun jista jivverifikah. Jaqbel li kien hemm messaġġ fejn juri li kien dispost iħallas ammont ta' €4,300. Ma jaqbilx li qatt ma gerger fuq il-kwalitá tax-xogħol qabel ma ġie l-kont finali. Xtaq li jirranġaw l-affarijiet bil-kwiet. Hu kien stiednu biex jitranġa x-xogħol magħmul. Jikkonferma li informa lill-attur li ma kienx dispost iħallas fl-aħħar.

**<u>L-Ewwel Eċċezzjoni</u>**

Illi qabel mat-Tribunal jinvesti fil-mertu ta' dan il-każ ikun utli li primarjament tiġi trattata l-ewwel eċċezzjoni imqanqla mill-konvenuti rikonvenzjonanti. Din tgħid li l-istima oriġinali ma kinitx tinkludi t-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud mentri mbgħad il-fattura finali żiedet dan l-ammont.

Illi r-riżoluzzjoni ta' din l-eċċezzjoni tinstab f'dak li jridu d-diversi sub-artikoli tal-artikolu 49 tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta. Jekk l-attur ried juri li huwa eżentat minn din it-Taxxa kien l-oneru tiegħu li jipprova dan. Hija pero l-presunzjoni korretta li dik l-ewwel stima kienet tinkludi din il-forma tat-Taxxa u huwa assolutament inutli li ġie indikat il-persentaġġ ta' 0% ħdejn dan l-ammont. Dan peró m'għandux ifisser li din l-azzjoni tfalli b'mod awtomatiku. Tfisser biss li jekk l-attur jingħata raġun fit-talba prinċipali, dan il-fattur irid jiġi wkoll determinat f'xi eventwali likwidazzjoni finali.

Illi għalhekk din l-eċċezzjoni hija tajba u sejra tintlaqá.

**<u>Mertu – Talba Prinċipali</u>**

Illi magħmul dan ir-riassunt u deċiża l-ewwel eċċezzjoni, t-Tribunal iqis li r-relazzjoni bejn il-partijiet hija dik emerġenti mill-artikoli 1633 sa 1643 tal-

Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u allura t-Tribunal qiegħed jikkunsidra l-kuntratt ta' bejn il-kontendenti bħala wieħed t'appalt.

Illi b'mod ġenerali[15] jingħad li min jikkuntratta sabiex jagħti bħala oġġett prestazzjoni *da fare*, jitqies li qiegħed jobbliga ruħu li jagħmel dan b'diliġenza ta' *bonus paterfamilias*[16].B'mod aktar speċifiku mbgħad, għal dak li jikkonċerna vizzji fix-xogħol magħmul, appaltatur huwa hekk preżunt li jkun ħati f'każ li xi vizzju jew difetti jimmanifestaw ruħhom[17]. Issa huwa hekk ġustament mgħallem li appaltatur m'għandux jissokta li jespleta l-inkarigu mogħti lilu jekk iqis li l-istruzzjonijiet sejrin jirriżultaw f'xogħol ħażin[18]. Huwa obbligu prinċipali tal-

---

[15] Hawnhekk, it-Tribunal ikun qiegħed jonqos jekk ma jagħmilx referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Pierre Darmanin vs Moira Agius et,** (App Ċiv Nru: 323/2002/1) L-enunċjazzjoni elaborata dwar il-prinċipji ġuridiċi rigwardanti l-isitut t'appalt, magħmula f'dik is-sentenza, hija ta' spiss segwita u mħaddna mill-Qrati tagħhna. Dan it-Tribunal ukoll jieħu okkażżjoni jagħmel tiegħu t-tgħalim hemm imfisser.

[16] F'dan is-sens, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Alfred Spiteri et vs Silvio Busuttil,** (App Ċiv 1408/1996/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-7 ta' Mejju 2010, fejn intqal hekk: *"Fost l-obbligazzjonijiet li ghandhom b'oggett prestazzjoni "di fare", bhal ma hekk hu l-kuntratt ta' appalt, hu mistenni li dik l-obbligazzjoni tieghu taghti rizultat finali u tajjeb f'kull rispett, biex jista' jinghad li l-appaltatur ikkonforma ruhu mal-mudell tad-diligenza tal-bonus paterfamilias skond l-Artikolu 1132 Kodici Civili. Il-kuncett ta' din id-diligenza jimplika li hu jadopera l-kawteli indispensabbli ghall-adempiment tal-prestazzjonijiet tieghu skond ir-regoli ta' larti u tat-teknika tajba. Dan, difatti, huwa kriterju ghal liema spiss drabi jaghmlu riferiment il-Qrati taghna. Hekk inghad illi l-obbligu tad-diligenza jikkomprendi li l-appaltatur jippresta kapacita ordinarja u wkoll "quella diligenza e quella perizia ordinaria che gli e` imposto dalla natura del contratto". Ara "Carmelo Scicluna -vs Giuseppe Mallia et", Appell Civili, 31 ta' Mejju, 1929;"*

[17] Dwar dan, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Raphael Micallef vs Anthony Agius,** (Ċit Nru: 1003/1989/2), mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-9 ta' Ġunju 2004 (mhux appellata) fejn, wara li saret referenza estensiva għa-ġurisprudenza in materja, ġie enunċjat, b'awtoritá, is-segwenti: *"Fid-dawl ta' din il-gurisprudenza prevalenti l-appaltatur huwa meqjus fi htija ghax-xoghlijiet ezegwiti mhux skond l-arti u s-sengha, jekk jinstabu vizzji u difetti f'dawn l-istess xoghlijiet. Vizzji li hu seta' nduna bihom jew kellu, dejjem in bazi ghar-regoli ta' l-arti, jintebah bihom".*

[18] Issir referenza, fost diversi, għas-sentenza fl-ismijiet **Francis Stivala noe vs Hector Borg pro et noe,** (Ċit Nru: 446/1994/2) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-28 ta' Frar 2003 (mhux appellata) fejn reġa ġie kkonfermat hekk: *"Jinsab ritenut ukoll illi "l-appaltatur ma hux mehlus mir-responsabilita` avvolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol" ("Nobbli Gioacchino Attard Montalto -vs Emanuele Schembri et", Appell Kummercjali, 28 ta' Gunju 1957). Anzi jinghad ukoll illi "e` dovere dell' appaltatore di resistere ad ordini che egli vedesse pregiudizievoli alla solidita` e contrari alle buone regole della arte" ("Nicola Vella -vs- Luigi Agius", Appell, Sede Inferjuri, 7 ta' April 1923); Huwa ghandu jezegwixxi x-xoghol lilu*

appaltatur li jara li x-xogħol li sejjer iwettaq ikun qiegħed isir utilment għal-kommittent li jkun inkarigah[19].

Illi kif indikat fl-ewwel parti ta’ din id-deċiżjoni l-unika xhieda li ddeponu f’dan il-każ kien l-attur rikonvenzjonat u l-konvenut rikonvenzjonanti Schiavone. Dan tal-aħħar peró, apparti provi dokumentarji (inkluż numru konsiderevoli ta’ ritratti) eżebixxa wkoll rapport tekniku.

Illi dwar dan ir-rapport tekniku, l-attur rikonvenzjonat jistieden lil dan it-Tribunal jiskartah kompletament minħabba l-fatt li l-perit li rrediġieh ma ġiex preżentat quddiem it-Tribunal sabiex jieħu l-ġurament fuqu[20]. Issa, bħala daħla jingħad li tali prova hija aċċettata fis-sistema tagħna[21], salv biss għall-fatt li prova simili hija soġġetta għall-istess kriterji ta’ valutazzjoni magħmula meta perit tekniku ikun ġie inkarigat minn awtorità ġudikanti[22]. Għalhekk huwa applikabbli wkoll it-tagħlim li solitament jiġi mfakkar f’dan ir-rigward[23]. Issa dwar il-ġurament o meno, it-Tribunal ikollu jistqarr li kien ikun ferm aktar għaqli għall-konvenuti rikonvenzjonati li tali perit ġie ukoll prodott sabiex jistqarr il-kontenut tar-rapport

---

*kommess fis-sens li "ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li l-quddiem juri difetti. F'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigru 'il quddiem." ("Mario Blackman -vs- Carmelo Farrugia et noe", Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu 1972);"*

[19] F’dan is-sens ukoll, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **C & F Building Contractors Ltd vs Tal-Grazzja Autocare Co. Ltd**, (Ċit Nru: 975/2000/1) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta’ April 2012 (mhux appellata)

[20] *Vide* t-trattazzjoni finali tal-avukat difensur tal-attur rikonvenzjonat, partikolarment a fol 138 tal-proċess.

[21] Artikolu 563A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta.

[22] Artikolu 681 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta.

[23] Fuq din it-tematika wieħed huwa mistieden jara l-ġabra ġurisprudenzjali rakkolta fis-sentenza fl-ismijiet **Noel Pisani et vs Adam Bartolo** (Rik Ġur Nru: 13/06 JZM), mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta’ April 2016, per Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon (mhux appellata).

imħejji minnu. Madanakollu, dan it-Tribunal irid ifakkar li għad-differenza tal-Qrati ordinarji huwa m'huwiex marbut bl-aħjar prova[24].

Illi apparti minn hekk, il-Qrati tagħna wkoll straħu u għamlu referenza għar-relazzjonijiet tekniċi *ex parte* mhux ġuramentati[25]. Finalment, ir-rapport huwa redatt u ffirmat minn perit li ilu snin jagħti s-servizzi tiegħu fil-Qrati tagħna bħala espert perit tekniku. Għalhekk għal dak li huwa l-kriterju rikjest mill-vot tal-liġi, dan it-Tribunal huwa sodisfatt kemm mill-esperenzja u l-kwalifiċi tal-istess perit. Illi dan ir-rapport jitkellem ċar u ma jħalli l-ebda dubju f'moħħ it-Tribunal li x-xogħol magħmul mill-attur rikonvenzjonat ma kienx wieħed sodisfaċjenti. Anzi, jirriżulta li dan ix-xogħol ma kienx tal-ebda utilità għall-konvenuti rikonvenzjonanti u li l-istess irid jerġa' jinqala u jerġa' jsir mill-ġdid[26].

Illi apparti minn hekk, mir-ritratti eżebiti għandu jirriżulta ċar li fil-fatt kien hemm diversi nuqqasijiet da parti tal-attur. Kif jaraha dan it-Tribunal, l-attur

---

[24] Artikolu 9(2)(b) tal-Kapitolu 390 tal-Liġijiet ta' Malta. Dwar dan, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Herman Rantasa et vs Kevin Buttigieg et,** (App Ċiv Nru: 614/2006/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar id-9 ta' Jannar 2008 fejn intqal hekk: "*Ferm dan il-hsieb, din il-Qorti, ciononostante dak affermat b' mod generali kwantu ghall-"ahjar prova" bhala principju regolatur in materja ta' provi taht l-ordinament proċedurali taghna fil-Kapitolu 12, ma tistax tinjora d-disposizzjonijiet tal-ligi specjali. Senjatament, l-Artikolu 9 (2) subpara. (b) ta' l-Att V ta' l-1995 li jiddisponi li l-Gudikatur "ghandu jitgharraf b' kull mod li jista' jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-ahjar prova jew dwar xhieda fuq kliem haddiehor jekk ikun sodisfatt li x-xhieda li jkollu quddiemu tkun bizzejjed veritiera li biha jista' jasal biex jaqta' l-kaz li jkun qed jitratta.*"

[25] Wieħed huwa mistieden jara dak li ġie trattat fl-appell fis-sentenza fl-ismijiet **Margaret Galea et vs Victoria Galea,** (Rik Ġur Nru: 900/2018/2) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-23 ta' Novembru 2020. Ukoll dan il-punt ġie dibattut (u respint għal min għamlu) fis-sentenza fl-ismijiet **Cedric Mifsud vs Blye Engineering Co. Ltd,** (App Ċiv Nru: 4/2000/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) li kienet titratta rapport peritali minn perit nominat mit-Tribunal (li naturalment huwa differenti mill-każ tal-lum). Ukoll dwar dan l-aspett, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Emanuel Sammut Vs Alfred u Pauline konjugi Bezzina,** (App Ċiv Nru: 1323/1999/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-4 ta' Ottubru 2002.

[26] Ir-rapport peritali testwalment jagħlaq hekk: "*9. The undersigned, as stated in paragraph 4 above, believes that the soffit must be redone in its totality and that no further payments be made to D. Gypsum Unique*"

rikonvenzjonat ma huwa intitolat għall-ebda pagament ukoll għaliex ix-xogħol imwettaq wera diġa' difetti sejri u essenzjali[27]. Ukoll, ma jirriżultax li l-ftehim bejn il-kontendenti kien wieħed t'appalt spezzettat[28] iżda ġie miftiehem prezz wieħed għal xogħol uniku.

Illi għalhekk it-talba prinċipali hija destinata li tfalli.

**<u>Kontro-Talba</u>**

Illi dwar il-kontro-talba, ir-raġunament hawn fuq magħmul għandu wkoll, sa ċertu limiti, l-applikabbilitá tiegħu. Għalhekk jista jingħad li jeżistu wkoll l-elementi neċessarji sabiex l-ewwel parti tal-kontro-talba, fejn trid li l-attur rikonvenzjonat iħallas l-ammont inizjalment imħallas lilu rifuż lill-konvenuti rikonvenzjonanti in linea ta' danni għandha mis-sewwa u sejra tintlaqa'[29].

Illi hija l-fehma konsiderata ta' dan it-Tribunal li kien jispetta lill-attur rikonvenzjonat li b'xi mod ixejjen il-kontenut ta' dan l-aspett tekniku[30]. Anzi, fuq

---

[27] Fost diversi, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Charles Camilleri et vs Charles Farrugia noe,</u>** (Ċit nru: 1494/1992/1) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-19 ta' Frar 2004 fejn reġa ġie ribadit hekk: *"Kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Brownrigg noe vs Spiteri", deciza fis-27 ta' Gunju, 2003, l-appaltatur ma humiex mehlus mir-responsabilita' avolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol. Il-verifika u l-approvazzjoni generalment isiru ghall-finijiet tal-hlas, izda b'daqshekk ma jigix ezonorat mir-responsabilita' jekk nonostante kontroll diligenti fil-mument tal-verifika, 'l quddiem jinstab li x-xoghol ma sarx sew. Jekk id-difetti jkunu ta'certa gravita' l-kommittent ikollu d-dritt jopponi l-'exceptio non rite adempleti contractus' ghad-domanda li ssirlu ghall-hlas; jekk min-naha l-ohra d-difetti ma jkunux sostanzjali jew essenzjali, l-appaltatur ikollu d-dritt li jitlob li dawk id-difetti jigu riparati jew jaccetta riduzzjoni."*

[28] Għalhekk dan tallum m'huwiex każ t'appalt stabbilit a miżura.

[29] Artikoli 1125, 1135 u strettament fuq appalt l-artikolu 1640(3) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Mekanika Limited vs Eurobyte Limited</u>**, (Ċit Nru: 2532/200/1) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-10 ta' Novembru 2010) (mhux appellata).

[30] Ikun utli li ssir referenza għal dak li jgħid il-ġurista **Michele Taruffo** fil-ktieb tiegħu **<u>Verso la Decisione Giusta</u>** fejn dan jamplifikaw hekk: *"Bisogna d'altronde considerare che il giudice non opera da solo e nel vuoto. La prova scientifica si forma e si acquisisce nel*

dan l-aspett kien hemm silenzju assolut u frankament il-verżjoni mogħtija minnu tikkonferma li fil-verità kien hemm ħtieġa li jittranġaw xi affarijiet. Hu stess jammetti li kien hemm diversi difetti.

Illi finalment, dwar it-talba magħmula mill-konvenuti rikonvenzjonanti rigwardanti l-ispejjeż inkorsi għar-rapport peritali magħmul mill-Perit Abela, jingħad li dawn ukoll għandhom jiġu rimborsati mill-attur hekk rikonvenzjonat. Jemerġi ċar li tali rapport kien meħtieġ ai fini ta' dawn il-proċeduri[31] u li għen ukoll fir-riżoluzzjoni ta' din il-vertenza. Għalhekk, it-Tribunal ma jsib xejn ħażin li spejjeż[32] ta' din in-natura ikunu wkoll inkorporati u mitluba f'dan il-qafas (ċioé bħala danni). Tassew il-Qrati tagħna[33] u anki dan it-Tribunal (diversament presedut)[34] aċċettaw talbiet għal-ħlas ta' periti *ex parte*. Dan it-Tribunal, fid-dawl ta' dak hawn fuq indikat qiegħed jerġa' jtenni din il-pożizzjoni.

Illi għalhekk il-kontro-talba għandha tintlaqá fl-intier tagħha.

---

*contradditorio delle parti, e ċioé comporta almenu due conseguenze di rilievo. La prima é che anche gli avvocati debbono disporre delle conoscenze di carettere epistemologico necessarie per un impiego razionale delle prove scientifiche, ad esempio per verificare preliminarmente la loro attendibilitá e controllare la qualitá degli esperti di cui si servono come periti di parte. Naturalmente gli stessi criteri servono per valutare l'attendibilitá delle altre perizie di parte, ed anche per verificare la qualitá dell'esperto nominato dal giudice. La seconda conseguenza é che i difensori, eventualmente per mezzo dei loro periti, possono fornire al giudice gli elementi necessari per una valutazione critica approfondita delle prove scientifiche acquisite al processo. Sotto questo profilo spetta alle parti e ai loro difensori il diritto e il dovere di collaborare con il giudice per un corretto apprezzamento di queste prove"* – G. Giappichelli Editore, 2000, Kapitolu 20 intitolat *La scienza nel processo: problemi e prospettive*, a fol 295.

[31] Ir-rapport huwa datat 19 ta' Lulju 2019, u ċioé tmintax il-ġurnata wara l-preżentata ta' din l-azzjoni. Huwa ċar għal dan it-Tribunal li dan ir-rapport ġie mħejji propju sabiex il-konvenuti setgħu jiddefendu (u f'dan il-każ ukoll iħejju azzjoni fil-forma ta' kontro-talba) dawn il-proċeduri.

[32] L-ammont mitlub huwa wkoll ikkonfermat bil-fattura fiskali li tinsab a fol 106 tal-proċess.

[33] F'dan is-sens wieħed huwa mistieden jara dak li ntqal u ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-25 ta' Frar 1956 (Onor Imħallef W. Harding) fis-sentenza fl-ismijiet **George Attard vs Michele Galea.**

[34] F'dan is-sens wieħed huwa mistieden jirreferi għal-elaborazzjoni fuq dan il-punt magħmula fis-sentenza fl-ismijiet **Norbert Caruana et vs Kuraturi Deputati għal-assenti Joseph u Maria Busuttil**, (545/2018 KCX), mogħtija nhar il-1 ta' Novembru 2021, (mhux appellata).

Għaldaqstant it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi filwaqt li jilqá l-eċċezzjonijiet tal-konventuti rikonvenzjonanti, qiegħed jiċħad it-Talba prinċipali tal-attur rikonvenzjonat u filwaqt li jilqá l-kontro-talba tal-konvenuti rikonvenzjonanti jordna li l-attur rikonvenzjonat iħallas lill-konvenuti rikonvenzjonanti l-ammont ta' elfejn, tmien mija u erbgħa u ħamsin Ewro (€2,854) bl-imgħax legali mid-data tat-23 ta' Lulju 2019[35] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mill-attur rikonvenzjonat.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

---

[35] Għalkemm dan l-ammont qiegħed jingħata fil-forma ta' danni, dan l-ammont ġie speċifikat fil-kontro-talba u għalhekk, fil-fehma ta' dan it-Tribunal huwa applikabbli dak li jrid l-artikolu 1141(2) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Is-sejħa magħmula f'dak l-att kienet talba għal-ammont speċifiku.